MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Numru. 343/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Daniel John Fenech bin Peter u Mary nee' Zarb, imwieled fil-15 ta' April, 1987 u residenti 39, Parisher Valley, Triq PH Skippon, Naxxar, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 147793(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Daniel John Fenech li gie akkuzat talli nhar l-10 ta' April, 2009 ghal habta ta' 11:30hrs waqt li kien gewwa d-Debrani limiti taz-Zebbug, Ghawdex:

1) Kien qieghed jikkaccja jew jipprova jikkaccja fi zmien li l-istagun kien maghluq ghall-kacca;
2) Kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon;
3) Naqas li jhalli taht kontroll l-arma u abbanduna l-arma tan-nar li setghet tigi fil-pussess ta' haddiehor;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula, l-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat r-Regolament 18(1)(a), 27(3) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat bl-Avviz Legali 39 tal-2007 u l-artikolu 47 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah multa ta' tliet mitt ewro (€300) u tordna l-konfiska tad-dokument E.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------